# IS-SINIFIKAT TAL-MEWT U TAR-RITWAL FUNEBRI F'MALTA TAS-SEKLU TMINTAX

Catherine Tabone

## *Introduzzjoni*

**L-aħħar snin tas-seklu għoxrin raw żviluppi kbar fl-istudju ta' l-istorja. B'mod speċjali, ċerti oqsma li qabel ftit li xejn kienu jinteressaw lill-istudjużi, bħal ngħidu aħna t-tfulija, il-ġisem u l-perċezzjoni tal-mewt f'kuntesti partikolari bdew jikbru fil-popolarita`. Dawn l-iżviluppi innovattivi raw il-bidu tagħhom fi Franza, permezz ta' esponenti ta' skola ta' ħsieb magħrufa bħala *Annales*.[1] Jista' jingħad li bħala segwaċi ta' dan il-moviment, Philippe Aries kien l-ewwel studjuż li ta xejra professjonali lill-analiżi tal-modi li bihom diversi soċjetajiet fi żminijiet differenti kienu jaċċettaw u jsibu mezz li bih setgħu jifhmu u jibnu ħajjithom madwar iċ-ċertezza tal-mewt.[2]**

Għalkemm ma' l-ewwel daqqa t'għajn dan l-istudju jidher aktar bħala qasam ta' l-antropoloġi, il-fatt u l-bżonn ta' interdixxiplinarita` jridu jiġu apprezzati. Huwa għalhekk li f'dan ix-xogħol u f'dak ta' studjużi oħra li huma ikkonċernati bl-istess suġġett tinħass l-urġenza li dak kollu li jista' jkun pożittiv fil-metodi wżati f'dixxiplini oħra jiġi addottat biex b'hekk jinħoloq riżultat kemm jista' jkun komplut.

## *Il-Kuntest Ewropew*

Is-soċjeta` Ewropeja tas-seklu tmintax kienet waħda Barokka u għalhekk, wirjiet soċjali elaborati ta' arti u ċeremonjal kienu jseħħu ta' spiss. B'referenza speċifika għaċ-ċerimonji funebri, Michel Vovelle jgħid li dawn kienu mimlijin teatriċita`, pompożita` u eżuberanza.[3] Dawk li setgħu iħallsu kienu jagħmlu minn kollox biex, f'dan l-istil efemeru iżda intrikat, jaċċertaw ruħhom li l-poter u l-ġid tagħhom ikun evidenti kemm f'ħajjithom kif ukoll f'mewthom.

Għaldaqstant, b'kuntrast qawwi mal-kotba famużi li kienu jiġu ippublikati fi Franza madwar dan iż-żmien, bħal *Preparation a la Mort* u *Prieres pour Bien Mourir* bil-għan li kull individwu jkun jista' jmut mewta tajba billi jipprepara għaliha b'mod xieraq,[4] dak li fil-verita` kien iseħħ kien ikun bosta drabi bil-wisq differenti. Għalkemm essenzjalment, dawn il-kotba kienu jfissru li wieħed għandu jersaq lejn il-mewt bil-ħsieb li jħalli kull forma ta' ġid u lussu materjali biex jingħaqad ma' Alla fl-umilta` u l-faqar, dawk viċin tal-moribond kienu jaraw li ċ-ċerimonja funebri tkun waħda ostensiva u ta' impatt. Dan kien isir bil-għan li tiġi affettwata l-memorja ta' dawk li kienu jattendu biex hekk il-persuna mejta, kif ukoll il-pożizzjoni soċjali li kienet tħaddan jibqgħu mfakkra bl-aħjar mod u b'riflessjoni addattata.

## *L-Ordni*

Huwa għalhekk li minkejja x-xewqa ta' kommemorazzjoni sempliċi, li tinstab fit-testmenti tal-Gran Mastri minn Perellos sa Hompesch, ir-ritwal u ċ-ċelebrazzjoni funebri kienu jkunu eventi, kumplessi u mimlijin simboliżmu. L-aspetti kollha ta' dan ir-ritwal jistgħu jinġabru f'ideoloġija li kienet tagħmel użu mill-immaġinazzjoni soċjali biex tibni akkulturazzjoni tal-mewt, biex tassimilaha permezz ta' wirja glorjuża li tgħatti l-aspett makabru u biex tassigura li dan iċ-ċerimonjal jaqa' taħt livell organizzattiv istituzzjonali.

Il-proċess kien jibda wara li l-Gran Mastru jlesti id-*disproprio*[5] li

---

[1] Għal diskussjoni tajba fuq l-iżviluppi fil-metodoloġija u l-prattika ta' l-Istorja, *vide* P. Burke, 'Overture: The New History, its Past and its Future', f' *New Perspectives on Historical Writing*, ed. P. Burke (USA 1992), 1-23.

[2] P. Aries, *The Hour of Our Death*, trans. H. Weaver (Oxford 1991) u Aries, *Western Attitudes toward Death*, trans. P. Ranum (Baltimore 1974).

[3] M. Vovelle, *Ideologies and Mentalities*, trans. E. O'Flaherty (Cambridge 1990).

[4] J. McManners, *Death and the Enlightenment: Changing Attitudes to Death among Christians and Unbelievers in Eighteenth-century France* (Oxford 1981), 197.

[5] Għandu jiġi nnutat li r-regoli ta' l-Ordni kienu jipprojbixxu li l-Kavallieri jħallu testment *per se* minħabba l-vot ta' poverta`. Dan kien ifisser li l-ebda Kavallier ma kien jippossjedi propjeta jew flus u għaldaqstant dawn ma kienux jistgħu jitqassmu wara l-mewt. Madankollu, ta' sikwit kien ikun hemm diskrepanzi bejn dak

kien jiġi magħmul kull darba li kien ikun hemm ir-riskju ta' mewt minħabba xi marda serja. Ħafna mid-*disproprio* kien jikkonċerna t-tqassim tal-legati: xi istituzzjonijiet kienu jiġu mogħtija l-flus, filwaqt li dawk qrib ta' min kien ikun qed jikteb kienu jingħataw propjeta`, annimali, skjavi,[6] jew bħal fil-każ ta' Angelo Vaccari fl-1722, ħwejjeġ.[7] B'differenza, Vilhena ta' l-ħelsien lil żewġ skjavi.[8]

Il-moribond kien dejjem ikollu obbligazzjonijiet speċjali, kemm materjali iżda wkoll spiritwali, li dan id-dokument kien iservi biex jifformalizza. Fid-*disproprio* s-salvazzjoni tar-ruħ kienet tokkupa post prominenti, u minbarra bosta referenzi għal donazzjonijiet lil-foqra u tħollija ta' flus għal Quddisiet ta' suffraġju (fil-kas eċċezzjonali ta' Perellos 6000)[9], il-ftuħ tad-dokument kien dejjem isegwi dan il-prijambolu:

> Nafdaw ruħna lill-Mulej Alla il-krejatur tagħna filwaqt li umilment nitolbuH li meta Huwa jqis bħala l-mument xieraq li jisseparaha minn mal-ġisem, Huwa jirċeviha fil-glorja tiegħu għall-merti ta'l-iben waħdieni tiegħu u tal-wisq imqaddsa Verġni Marija, ta' San Ġwann il-Battista padrun tagħna, ta' Sant' Antnin, tal-Qaddisin l-oħra li jinsabu fis-sema, avukati tagħna, u tal-kori kollha ta' l-Anġli. Fil-waqt li nagħmluha ċara li biħsiebna mmutu fi ħdan il-Knisja Kattolika Rumana, nitolbu minn qiegħ qalbna lill-Majesta` Divina tiegħu biex jurina ħniena u jaħfrilna dnubietna.[10]

Meta l-Gran Mastru kien ikun tassew qarreb lejn it-tmiem, il-purċissjoni tal-Vjatku[11] magħmulha minn membri ta' l-Ordni u tal-Kleru kienet titlaq mill-Kon Katidral ta' San Ġwann. Il-qniepen kienu jindaqqu b'tokki ta' sebgħa,[12] filwaqt li bosta Salmi u talb ieħor bħal *Miserere* kienu jitkantaw. Hekk kif il-Gran Mastru kien jirċievi l-Vjatku, il-purċissjoni kienet tmur lura fil-Kon Katidral u dawk preżenti kienu jingħataw indulġenzi speċjali. Fil-knejjes l-oħra, kemm tal-Belt kif ukoll fl-irħula, kienu jiġu organizzati velji ta' talb *pro principe infermo*.[13] Il-Vjatku kien ġeneralment ikun segwit iktar tard matul l-agunija bil-Griżma tal-Morda hekk kif inhu stipulat.

Mal-mewt tal-Gran Mastru, fost il-mota funebri tal-qniepen, kienu jiġu sparati l-kanuni ta' Sant'Iermu. Il-kadavru - liebes l-ilbies ta'l-Ordni bis-salib abjad bi tmien ponot, f'idejh borża b'xi flus biex jitqassmu lill-foqra kif ukoll *berrettone*[14] - kien jiġi mqiegħed fis-Sala l-Kbira tal-Palazz fuq katafalk (wara l-1736 fil-*Cappella Ardente*, xogħol ta' Romano Carapecchia) miksi b'bellus iswed. Ħdejh kienet titpoġġa l-armatura.

Il-bilanċ bejn l-armatura u l-borża ta' l-elemosina kien jintlaħaq sabiex il-Gran Mastru jidher mhux biss bħala kap ta' ordni militari iżda wkoll bħala protettur tal-fqar, hekk iż-żewġ *raisons d'etre* prinċipali ta' l-Ordni ta' San Ġwann kienu jiġu murija bħala mwettqa. Għaldaqstant, il-Gran Mastru kien jiġi meqjus bħala simbolu soċjali u mudell għall-ġenerazzjonijiet futuri.

Il-Quddiesa funebri nfisha kienet tilħaq il-qofol tagħha fl-aħħar meta il-Prijur kien ibierek il-kadavru wara li l-kongregazzjoni kienet tmur biex tbus id il-Gran Mastru għall-aħħar darba. Bħala sinjal li l-poter suprem fuq l-Ordni ma kienx għadu f'idejn il-mejjet, ix-xettru tiegħu kien jinqasam fi tnejn waqt li kienet tingħad il-frażi 'e morto il nostro Gran Maestro' għal tliet darbiet.[15] L-ixpruni tad-deheb tiegħu kienu wkoll jiġu maqsuma u l-borża bil-flus imċarrta.

Hekk kif din iċ-ċerimonja sinifikattiva kienet tasal fi tmiemha, il-ġisem tal-Gran Mastru kien jitħejja għad-difna fil-kripta ta' taħt l-artal biex wara sena jew aktar tard meta l-monument ikkummissjunat kien jasal, il-fdalijiet jinqalgħu u jitpoġġew f'post xieraq. Madankollu, fdalijiet partikolari, bħal qalb ma kinux jindifnu mal-kumplament tal-ġisem: fil-każ ta' De Rohan din hija midfuna fil-knisja ta' San Pawl.[16]

Dan il-proċess funebri kien itawwal numru ġmielu ta' jiem, sabiex jiġi żgurat li l-Gran Mastru l-ġdid jieħu l-pożizzjoni tiegħu gradwalment kif ukoll biex in-nies u l-membri ta' l-Ordni jilħqu jadattaw ruħhom għall-bidla. Edward Muir isostni li r-ritwali funebri ta' nies prominenti kienu jillimitaw il-ħasda miġjuba permezz ta' din il-bidla billi jiddistingwu n-natura immortali tas-setgħa u jikkuntrastawha mal-mortalita` individwali.[17]

---

li kienu jistipulaw l-ordnijiet u dak li kien iseħħ fil-verita`. Fil-fatt, id-*dispropri* ta' bosta Gran Mastri u Kavallieri juru nuqqas ta' ubbidjenza f'dan ir-rigward. Għal aktar dettalji *vide* S. Cachia, *The Treasury, Debts and Deaths: A Study of the Treasury of the Order of St John and its relationship with the individual Hospitaller based on Giovanni Caravita's 'Trattato del Comun Tesoro'*, (M.A. University of Malta), chapter 5.

6 It-tqassim ta' skjavi kienet prattika komuni ħafna fost il-Gran Mastri; Perellos per eżempju, ħalla skjav kull wieħed lil 27 persuna. AOM, Arch. 925, f.26.

7 *Ibid.* f.45r.

8 *Ibid.* f.87r.

9 *Ibid.* f.25v.

10 *Ibid.*, ff.85v-86r.

11 AOM, Arch. 1952, *Ceremoniale*, f.175.

12 NLM, Lib. MS. 786, *Morte del Gran Maestro Pinto e Elezione del Gran Maestro Ximenes de Texada.* (mhux paġnat).

13 *Ibid.* (mhux paġnat).

14 *Ibid.* (mhux paġnat).

15 *Ibid.* (mhux paġnat).

16 AOM, Arch. 167, *Liber Conciliorum, 1797*, f.53.

17 E. Muir, *Ritual in Early Modern Europe* (Cambridge 1997), 44.

F'dan ir-ritwal tispikka wkoll l-ideja ta' liminalita` hekk kif imfissra mill-antropologu Arnold Van Gennep,[18] li tidher sewwa fil-perjodu ta' bejn il-mewt u d-difna, fejn il-Gran Mastru jkun jinsab bejn żewġ stati ta' eżistenza differenti - fuq naħa minnhom l-appartenenza tiegħu għal-poter terren u fuq naħa oħra l-ħajja eterna u d-diżassoċjazzjoni ma dak kollu li hu temporali u efemeru.

## *Il-Kleru u s-Sorijiet*

Bħall-Ordni, l-Knisja Maltija tas-seklu 18 kienet temmen fil-bżonn li turi b'mod effikaċi l-post prominenti li kienet tokkupa fis-soċjeta`. Għaldaqstant, il-mewt ta' prelati mlaħħqin fil-ġerarkija kienet tiġi utilizzata mhux biss bħala okkażjoni ta' kommemorazzjoni, iżda wkoll bħala rinforz fir-rwol tal-Knisja - istituzzjoni li l-poter tagħha huwa iktar kumpless minn wieħed sempliċement ta' din id-dinja iżda li jwassal ukoll biex jinterċedi għal dawk li qegħdin fl-oħra.

Il-funeral ta' l-'Illustrissimu Monsinjur'[19] Fra Domenico Xeberras fl-1744, huwa każ tipiku li qarreb ukoll lejn il-grandjożita` murija fiċ-ċerimonjal funebri tal-Gran Mastri. Il-mewt tiegħu kienet okkażjoni ta' luttu nazzjonali, b'purċissjonijiet organizzati ad unur dan il-'kunsillier famuż u għaref'[20] tal-Gran Mastri Perellos u Zondadari, kif ukoll ta' l-Inkwiżitur Dusina. Bħal ma kienet l-użanza, ġew imwaħħla ma' bosta ħitan diversi iskrizzjonijiet li kienu jfaħħru lill-mejjet. Dawn ma ġewx impoġġija biss fuq barra iżda wkoll ġod-dar tal-Monsinjur stess, ġewwa s-sala prinċipali fejn kien *praesente cadavere*. L-istess proċedura kienet ġiet addottata fil-mewt ta' l-Isqof Alpheran de Bussan tlettax-il sena wara.

Madankollu, dawn iċ-ċerimonji pompużi li kienu jħalltu r-rispett lejn il-mejjet ma doża qawwija ta' spettaklu teatriku b'xejn lil-popolin kienu jikkontrastaw bil-bosta ma dawk deskritti fl-*Ecclesiae Melitensis Praefectus Caeremoniarum* jew kif inhu iktar magħruf, id-*Diario degli Accompagnamenti Funebri*[21] li jittratta l-mewt u l-funeral ta' bosta qassisin li f'ħajjithom kellhom xi assoċjazzjoni mal-Katidral ta' l-Imdina.

Kien komuni li l-funerali ta' dawn in-nies iseħħu bl-akkumpanjament tal-Kapitlu, mid-dar tal-mejjet jew is-*Sagra Infermeria* sal-Katidral stess u iktar tard saċ-ċimiterju li ħafna drabi kien ikun ir-Rabat - x'aktarx dak tal-*Beata Vergine Maria delli Doni*, ta' *San Paolo Fuor le Mura* jew tal-Knisja ta' San Duminku. Madankollu, il-purċissjoni kienet tkun waħda sempliċi bi ftit xemgħat u torċi merfugħa mill-akkumpanjaturi u s-solitu daqq tal-qniepen f'mota solenni u funebri.

Ġeneralment, il-familja tal-mejjet kienet tħallas għall-ispejjeż tal-Quddies, madankollu, fil-każijiet ta' Dun Archangelo Farrugia, li ma kellux qraba,[22] u ta' Dun Giovanni Battista Mifsud, li qatta' 45 sena jkanta fil-kor tal-Katidral bħala baxx,[23] il-*Congregazione Capitolare* iddeċidiet li dawn il-flus jitħallsu mill-Kapitlu u li l-kadavru jiġi midfun fil-Katidral stess[24] - prattika xejn komuni fir-ranki l-baxxi tal-Kleru.

B'kuntrast mal-funeral ta' qassis, dak ta' soru kien ikun okkażjoni ta' natura aktar privata, speċjalment fil-każijiet fejn is-sorijiet kienu jkunu tal-Klawsura. *Diario E* tal-*Melitensis Praefectus Caeremoniarum* jistipula arranġament bejn il-Kapitlu tal-Katidral u s-sorijiet tal-Monasteru Benedittin fl-Imdina li kien jgħid li fil-mewt ta' waħda minnhom, il-Kapitlu kien ikollu jagħmel l-*esequie*, jew aħjar quddiesa kantata matul il-jum jew talb għal ruħha filgħaxija. Minn naħa tagħhom, is-sorijiet kellhom jisimgħu quddiesa li tinkludi l-*Libera* kull meta jmut Kanonku tal-Katidral.[25]

Fl-1773, waqt l-agunija ta' Suor Fortunata Gauci ntbagħat raġel Ħaż-Żebbuġ, ir-raħal minn fejn presumibilment kienet is-Soru, biex idoqq il-qniepen tal-Knisja u hekk jinforma n-nies biex jitolbu għall-mewta tajba tagħha.[26] Meta Suor Ursola d'Amico mietet f'Awissu ta' l-1707, il-Kapitlu mexa f'purċissjoni għall-kunvent biex jipparteċipa fil-funeral tagħha. Wara l-quddiesa, tbierek il-kadavru - li kien impoġġi fuq katafalk miksi b'biċċa tal-bellus mikrija ta' kulur aħmar bi ġmiemen suwed fit-truf imsejħa *baietta* - u tkantat id-*De Profundis*.[27] Quddisiet għal-ruħ dawn is-sorijiet kienu baqgħu jitqaddsu sa sena wara. M'huwiex imniżżel fejn kien il-post tad-dfin tal-kunvent, Iżda l-kannierja mibnija fl-1731 hija l-aktar post probabbli.

Għal dawk li jservu l-Alla permezz tat-talb, il-mewt kienet mezz biex titqiegħed enfasi fuq l-opri tajba u l-preġji tal-qassis jew soru mejta - aspett essenzjali biex tiġi stabbilita n-natura morali u l-bażi għall-kontinwita` tal-Knisja. Matul il-funerali l-aktar ostensivi, l-poter ta' din l-entita` kien jiġi

[18] Van Gennep jaqsam ritwal funebri jew ta' inizzjazzjoni fi tliet fażijiet: l-ewwel isseħħ is-separazzjoni bejn l-individwu u s-soċjeta` permezz tal-mewt, imbgħad sakemm jiġi midfun, is-soċjeta` tqisu bejn stat u ieħor ta' eżistenza (il-fażi liminali). Fl-aħħar, stat ġdid jiġi milħuq u l-persuna tinqata' kompletament mis-soċjeta. Għal aktar dettalji, *vide* A. Van Gennep, *The Rites of Passage*, trans. G. Caffee (Chicago 1961).

[19] ACM, B. T. XII Ms Vol. 65, f. 169.

[20] *Ibid.*

[21] ACM, Ms. Vol. 63 D, *Ecclesiae Melitensis Praefectus Caeremoniarum.*

[22] *Ibid.* f.328.

[23] *Ibid.* f.335-336.

[24] *Ibid.* f.336.

[25] ACM, Ms. Vol. 63 E, *Ecclesiae Melitensis Praefectus Caeremoniarum*, f.243.

[26] M. Buhagiar & S. Fiorini, *Mdina, the Cathedral City of Malta: A Reassessment of its History and a Critical Appreciation of its Architecture and Works of Art* (Malta 1996), 220.

[27] ACM, Ms. Vol. 63 E, f.245.

trasformat f'espressjoni ta' impenn u investiment fil-valur soċjali li kienet tħaddan, filwaqt li ċ-ċerimonjal innifsu kien immirat biex jinħolqu ideat tal-persuna mejta u ta' l-istituzzjoni affiljata li kienu strumentali bħala riaffermazzjoni tal-pożizzjoni prominenti tal-Knisja f'Malta.

## Il-Popolin

L-attitudni tal-kumplament tas-soċjeta` lejn il-mewt hija kemmxejn differenti minn dik ta' klassijiet aktar għoljin. Ir-rejazzjoni għall-mewt ta' xi qarib kienet tkun taħlita ta' azzjonijiet superstizzjużi, li s-sinifikat tagħhom intilef maż-żmien, u ta' twemmin profond fil-konsolazzjoni offruta mil-Knisja f'dawn iċ-ċirkostanzi. Dawn l-attitudnijiet jistgħu jiġu definiti fil-wisa' bħala folklor[28] - essenzjalment dik il-parti tal-kultura popolari li tiġi ippreservata, konxjament jew le, fit-twemmin u l-prattiċi, fl-użanzi, fl-istejjer u fl-arti kumulattiva tas-soċjeta`.

Gian Francesco Abela jgħid li t-tradizzjonijiet f'dawn il-każi kienu jinkludu, fost oħrajn, it-tneħħija tal-ħabbatiet tal-bieb kif ukoll musbieħ li kien jitħalla jixgħel għal 40 jum. Għalkemm Abela kiteb madwar l-1647, ta' min jgħid li probabbilment użanzi bħal dawn, li kienu parti sostanzjali mill-imġieba tal-popolin f'dan il-kuntest, kienu għadhom *in voga* fis-seklu 18. Ħafna minn dawn it-tradizzjonijiet kienu miġjuba minn Sqallija, hekk kif kienu wkoll użanzi ta' luttu, li kien idum għal sena. F'dan il-perjodu, n-nisa kienu jilbsu jgħattu rashom b'xall, filwaqt li membri ta' l- *elites* kienu jilbsu velijiet ta' ħarir iswed.[29]

L-aspett iktar formali u legali joħroġ għal darb'oħra mit-testmenti li ħafna drabi kienu jiġu iffinalizzati fis-*Sacra Infermeria* fejn il-morda kienu jiġu rikoverati. Għalkemm dawn id-dokumenti ma jvarjawx bil-wisq fl-iskop għal dawk diġa` diskussi, id-differenza bażika tinħass fin-natura tal-propjeta` li kienet tiġi mogħtija lil werrieta. Filwaqt li oġġetti ta' lussu kienu n-norma fil-każ ta' membri ta' l-Ordni, il-popolin kien iħalli biss affarijiet ta' valur limitat, għalkemm kien hemm ukoll xi eċċezzjonijiet partikolari. Giuseppe Pisano, ta' 87 sena, ħalla dar lil qariba tiegħu bil-patt u l-kundizzjoni li għal erba' snin sħaħ issum ħobż u ilma kull nhar ta' Tnejn u nhar ta' Ġimgħa b'suffraġju għal ruħu.[30] Dawk li kienu f'sitwazzjoniji finanzjarja inqas tajba, bħal Giuseppe Mifsud minn-Naxxar, kienu ġeneralment iħallu xi bhejjem. F'dan il-każ tħallew baqra, ħanżir, mogħża u ħmar li ġew mogħtija kollha lil ibnu. L-għodod ta' l-għalqa kellhom jiġu mqassmin lid-disa' uliedu. Il-mara tiegħu missha gradenza, kaxxa żgħira ta' injam aħmar, baqra, ħmara bil-felu, disa' mogħżiet u sitt iħnieżer, fost affarijiet oħra simili.[31]

Minkejja l-aspett materjali qawwi ta' dawn id-dokumenti, r-ruħ, bħal dejjem, kienet ukoll ta' konċern għat-testatur. Michaelis Bonavia li miet fl-1738 xtaq li tnax-il xebba isumu fil-ġurnata tal-funeral tiegħu u jingħataw żewġ erbajja' bħala ħlas b'suffraġju għal ruħu.[32] Il-funerali ta' dawn it-tip ta' nies kienu jkunu ġeneralment organizzati mil-Konfraternita` ta' l-Agonizzanti li kienet tieħu ħsieb li l-membri tagħha jkollhom funeral deċenti. Fir-rigward tad-dfin, kien hemm min seta' jippermetti qabar fil-kannierja tal-Knisja taħt l-altar maġġur[33] biex ikun iktar protett mil-qaddisin u iktar qrib tas-sagrifiċċju tal-Quddiesa,[34] filwaqt li oħrajn kien ikollhom jindifnu fiċ-ċimiterju tar-raħal tagħhom jew f'dak tas-*Sacra Infermeria*.

Kien minn dawn iċ-ċimiterji li bosta drabi dawk interessati bil-ftit jew bil-ħafna fl-okkult kienu jiksbu uħud mill-ingredjenti neċessarji biex jagħmlu l-pozzjonijiet tagħhom. Il-poter tal-mejtin kien jestendi ħafna iktar minn interċessjoni mis-sema. Alexander Bonnici jirrelata każ ta' dan it-tip miġjub quddiem l-Inkiżitur Gualtieri ta' Caterina Azzopardi ta' 20 sena miż-Żejtun, li f'Mejju ta' l-1740 kienet xhieda ta' ċerti atti immorali mwettqa minn ċertu wieħed Francesco. Dan kien sar iħobb mara miżżewġa u kien qalilha li biex jeħilsu mir-raġel tagħha kellha tagħtih jixrob tazza ilma b'għadma ta' bniedem imfarrka fiha.[35] Għaldaqstant, meta jitqabblu l-modi li bihom kienu tiġi eżegwita l-aħħar kommemorazzjoni, jista' jingħad li t-twemmin li l-mewt hija livellatur soċjali ma jreġix kompletament. Il-membri tar-ranki diversi tas-soċjeta` kienu jiġu ttrattati b'mod differenti anka wara mewthom - filwaqt li l-klassijiet għolja kienu jiġu mfakkra b'mod pompuż bil-għan li l-memorja tagħhom ittul matul is-snin, il-mewt ta' xi ħadd mil-popolin kienet fuq l-iskala ġenerali ta' l-affarijiet insinifikanti għas-soċjeta`.

## Konklużjoni Ġenerali

Permezz tal-perspettivi diversi li minnhom kien analizzat is-suġġett, ġie muri kif is-soċjeta` Maltija tas-seklu 18 integrat il-mewt fil-mentalita` u fil-prattiċi istituzzjonali tagħha.

---

[28] Għal bosta definizzjonijiet tal-kelma 'folklore' *vide, Funk and Wagnall's Standard Dictionary of Folklore, Mythology and* Legend, ed. M. Leach, (Baltimore 1959), 255-264.

[29] G. Cassar Pullicino, 'Notes for a History of Maltese Costume', in *Costume in Malta. An History of Fabric, Form and Fashion*, ed. N. De Piro and V., A. Cremona (Malta 1998), 258.

[30] AOM, Arch. 1724, f.575.

[31] *Ibid.* f.541.

[32] J. Micallef, *Ħal-Luqa, Niesha u Ġrajjietha* (Malta 1975), 202-4.

[33] Buhagiar & Fiorini, 202.

[34] Aries, *The Hour of Our Death*, 80.

[35] Cited in A. Bonnici, *Storja ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta*, II (Malta 1990), 155.

mewt fil-mentalita` u fil-prattiċi istituzzjonali tagħha.

Il-mewt ma kinitx meqjusa bħala l-aħħar orizzont tal-ħajja iżda bħala passaġġ għall-eternita` li f'ħafna każi kienet tgħin biex jissaħħu l-klassijiet soċjali, biex tiġi żgurata l-istabilita` tal-poter u tal-ġerarkija kif ukoll biex tiġi mħarsa l-kontinwita` tat-tradizzjonijiet.

© Catherine Tabone 2005

**Nota ta' l-aħħar**

Din kienet taħdita li saret f'Seminar organizzat mil-Għaqda Maltija tal-Folklor nhar il-25 ta' Ġunju, 2005, fil-bini tal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta. Imma dan l-istudju huwa biss parti żgħira minn teżi estensiva li tanalizza bosta aspetti oħra tas-suġġett, intitolata,

*'Tales from the Grave - Funerary Ritual and Attitudes towards Death in Eighteenth-Century Malta'.*



Il Monument ta Ball fil Barracca ta isfel.



Veduta ta l'Isla u id-daħla ta Bormla.



Veduta antica tal Furjana.

**Fl-1914 Giovanni Faure` ħareġ il-ktieb *Li Storia ta Malta u Ghaudex bil Gzejjer tahhom* (sic). f'erba' volumi. Il-ktieb fih xi Ilustrazzjonijiet u inċiżjonijiet, xi wħud iġibu l-firma ta' Faure` u oħrajn bla ebda firma. Hawn fuq qed inġibu wħud minnhom, meħuda mit-3 volum**